MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Numru. 706/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmund Cuschieri)**

**vs**

**Jonathan Bugeja ta' 32 sena bin Joseph u Josephine nee' Zammit imwieled nhar it-23 ta' Marzu 1978 f'San Giljan joqghod "Stellgod", Triq Moroni, Gzira detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 190878(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jonathan Bugeja akkuzat talli nhar il-14 ta' Gunju 2008 ghal habta tal-4:00p.m. gewwa l-Bajja tal-Mistra limiti tal-Mellieha minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Costa mill-Imgarr, Malta skond kif

iccertifkaw Dr. Elton Pllaha MD ta'l-Isptar Mater Dei u Dr. Dennis T. Gatt LRCP FRCSEd IOM ta'l-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Costa skond kif iccertifikaw Dr. Elton Plahha MD u Dr. Dennis T. Gatt LRCP FRCSEd IOM ta'l-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja tat-28 ta' Lulju 2008.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-iskontru bejn l-imputat u il-parti leza, mertu ta' dina l-kawza kien incident sfortunat li sehh filwaqt li iz-zewg partijiet flimkien ma' shabhom kienu qed jezercitaw id-delizzju taghhom tat-tlielaq tal-*power boats* bir-*remote control* gewwa l-bajja tal-Mistra.

Mill-provi akkwisti f'dana l-process jidher illi dana l-incident jista' jinqasam f'zewg episodji separati u cioe' l-ewwel parti fejn il-parti leza intlaqat accidentalment mill-*power boat* ta' l-imputat u fit-tieni parti meta imbaghad iz-zewg partijiet spiccaw iggieldu u gew fl-idejn. Jidher illi l-imputat u Costa kienu qed isuqu d-dghajjes taghhom, meta ghal xi raguni id-dghajsa ta' Costa waqfet u Costa iddecieda jinzel ghaliha fil-bahar. Huwa avza kemm lil Bugeja kif

ukoll lil Jean Claude Cutajar, li wkoll kellu d-dghajsa tieghu il-bahar, illi kien nizel fl-ilma u dana sabiex huma itellghu id-dghajjes taghhom, izda ghalkemm l-imputat jghid li beda jnaqqas il-velocita tad-dghajsa tieghu sabiex jibda jtellaghha mill-ilma ghal xi raguni dina marret fid-direzzjonji fejn kien Costa u laqtitu fuq il-warrani tieghu sabiex b'hekk huwa sofra xi feriti. F'dana l-mument jidher illi Costa bejn bl-ugigh li kellu u bejn minhabba li kien urtat ghal fatt illi kien gie miluqt mill-*boat* ta'l-imputat, irrabbja xi ftit u beda jaghti bil-ponn fuq id-dghajsa ta' l-imputat ghollieha u tefaghha lejn l-art biex b'hekk dina d-dghajsa spiccat inkisret. L-imputat min-naha tieghu irabbja meta ra dana l-agir da parti ta' Costa u hekk kif Costa tela' fuq ix-xatt, jidher illi huma bdew jargumentaw tant illi spiccaw gew fl-idejn. Matul dana l-argument jidher illi l-imputat gara xi gebel fid-direzzjoni ta' Costa u sussegwentement anke spiccaw waqa' fl-art meta gew fl-idejn u dana fosta hafna ghajjat u tghajjir reciproku. F'dana l-inicdent kollu ghalhekk Costa spicca sofra griehi kemm fil-warrani tieghu meta accidentalment gie milqut bid-dghajsa ta'l-imputat kif ukoll griehi ohra f'rasu u f'minkbejh meta imbaghad hu u l-imputat spiccaw gew fl-idejn. Ghal dana l-incident kien hemm zewg xhieda okulari u cioe' Jean Claude Cutajar u Paul Attard.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni b'zewg reati, wiehed ta'l-offiza gravi u volontarja fuq il-persuna ta' Martin Costa u imbaghad bir-reat ta'l-offiza gravi w involontarja fuq l-istess Costa. Illi l-ewwel akkuza ghalhekk tirreferi ghal griehi li sofra Costa meta l-imputat u dan ta'l-ahhar iggieldu u ghalhekk ghat-tieni parti ta' dana l-incident, filwaqt illi it-tieni akkuza qieghda tirreferi ghal griehi ikkagjonati fuq Costa meta dana intalqat mid-dghajsa ta'l-imputat b'mod accidentali.

**<u>L-akkuza dwar l-offiza volontarja</u>**:

Illi b'referenza ghal dina l-akkuza, id-difiza qieghda tinvoka l-iskriminanti ta'l-eccess tal-legittima difeza, liema dottrina hija esposta fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Illi sabiex dina d-difiza tista' tirnexxi id-difiza jenhtiegilha tipprova illi kien hemm l-element tal-biza', hasda jew

twerir li igibu l-impunita'. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta'l-imputat, l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma jirrizultaw mill-provi. Illi ma jirrizultax illi l-imputat kien qieghed f'xi hin jibza' minn Costa jew li dana hasdu jew kien qieghed iwerwru tant illi l-imputat hass il-bzonn li jiddefendi ruhhu minn xi aggressjoni ingusta, gravi w inevitabbli li kienet qed issir fil-konfront tieghu. Fuq kollox l-imputat seta' fácilment jitlaq minn fuq il-post filwaqt illi kien qieghed jara lil Costa irrabbjat meta kien fil-bahar, izda huwa ghazel li ma jaghmilx dana, anzi mar sabiex jikkonfrontah u staqsieh 'il ghala kien kissirlu id-dghajsa. F'dana il-mument l-imputat ma kienx imbezza', mahsud jew imwerwer, izda kien irrabbjat ghal Costa talli dan ta' l-ahhar kien ghadu kemm kissirlu id-dghajsa. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tiskarta dina il-linja difenzjonali.

Il-Qorti madanakollu tqies illi r-reazzjoni ta'l-imputat ma kenitx hlief il-frott ta'l-agir provokatorju min-naha ta' Costa u dana meta kif inghad dan ta' l-ahhar kissirlu id-dghajsa meta dana gie accidentalment milqut minnha. Illi l-artikolu 227(c) jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali **"illi f'nies ta' temperament ordinarju komunament iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu il-konsegwenzi tad-delitt."** Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

**"Meta tigi biex tqis l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata***

***da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** **(Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."**

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li jsawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. .

Illi ma hemmx dubju illi l-agir ta' Costa kien wiehed ta' karattru provokatorju. Costa kisser minghajr hniena id-dghajsa ta'l-imputat u dana meta huwa accidentalment gie milqut mill-istess dghajsa. Mhux biss beda jaghtiha daqqiet ta' ponn izda wkoll spicca ghollliha u waddabha lejn l-art sabiex dina id-dghajsa inkissret. Ir-reazzjoni ta' l-imputat kienet wahda instantanja tant illi hekk kif Costa hareg mill-bahar huwa mar dritt ghal fuqu u staqsieh 'il ghala kien ghamel dana lid-dghajsa tieghu u t-tnejn spiccaw gew fl-idejn biex imbaghad ghalhekk Costa spicca sofra griehi ta' natura gravi f'minkbejh. Illi ghalhekk l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi r-reazzjoni ta' l-imputat kienet frott tal-agir provokatorju ta' Martin Costa.

**<u>L-offiza gravi u involontarja</u>**.

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-parti leza involontarjament u dana meta d-dghajsa misjuqa mill-imputat permezz ta' *remote control* accidentalment laqtet lill-istess parti leza. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien qieghed isuq il-*power boat* tieghu meta Martin Costa nizel fil-bahar sabiex jirkupra id-

dghajsa tieghu. Jidher illi huwa kien gie avzat b'dana l-fatt mill-istess Costa u ghalhekk messu ha il-prekawzzjonijiet kollha sabiex jara illi id-dghajsa tieghu ma kenitx ta' periklu mhux biss ghall-imputat izda ukoll ghal nies ohra li setghu kienu fil-bahar f'dak il-mument. Illi d-difiza tikkontendi illi r-regoli li jigu segwiti minn dawn id-delettanti huma cari u cioe' illi hadd ma ghandu jinzel fl-ilma meta il-boats ikunu qed jinsaqu u jekk xi hadd irid jaghmel dana sabiex jirkupra id-dghajsa tieghu, huwa ghandu jinzel permezz ta' dinghy li ikollhom fuq il-post. Jidher illi l-persuna li kellu id-dinghy kien Paul Attard li fil-mument ta'l-incident kien diga refa' l-affarijiet tieghu u ghabba kollox fil-karozza sabiex jitlaq minn fuq il-post izda xorta wahda offra lil Costa li jnizzilu d-dinghy. Peress illi kien Gunju u it-temp kien jippermetti Costa qallu li seta jinzel ghad-dghajsa hu stess bl-ghawm. F'dana l-mument hadd ma waqqfu u ghalhekk jdiher illi x'aktarx dina kienet prassi li kienet tigi segwieta minn dawn id-delettanti. Costa avza lill-imputat u lil Cutajar li kien ser jinzel fil-bahar. Jean Claude Cutajar fil-fatt, ghalkemm ighid illi Costa seta nizel min banda ohra u mhux mill-post fejn kienu qed itellqu il-boats, jghid madanakollu illi huwa minnufih ha hsieb sabiex itella' id-dghajsa tieghu fuq l-art. L-imputat dan ma ghamlux u ghalkemm jghid illi naqqas il-velocita hekk kif sema' lil Costa ighid li kien ser jinzel fl-ilma, madanakollu f'dana il-mument huwa baqa' isuq dina l-boat sabiex spicca biex laqat lil Costa w ikkagunalu xi feriti. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-imputat ma ezercitax di-diligenza, l-attenzjoni u l-prudenza mehtiega minnu sabiex b'hekk minhabba f'dana l-agir Costa spicca wegga'.

Rigward in-natura tal-griehi sofferti minn Costa jidher illi dana kellu ferita lacerokontuza ta' madwar sitt centimetri fuq il-warrani in-naha tax-xellug. Jidher illi saru xi punti, izda ma jidhirx illi dina il-ferita hija xi wahda ta' natura gravi u dana ghalkemm baqa' marka ta' madwar erba centimetri. (ara rapport Mr. Charles Grixti). Ghaldasqtant l-imputat jista' jinstab hati biss ta' ferita ta' natura hafifa involontarja fuq il-persuna ta' Martin Costa.

Finalment ghar-rigward ta'l-ahhar akkuza ta' natura kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika jidher minghajr dubbju illi l-imputat kien jinsab f'post pubbliku u cioe' fil-bajja tal-Mistra. Hemmhekk huwa kellu argument shun ma' Costa tant illi it-tnejn spiccaw gew fl-idejn. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi dina l-ahhar akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dana l-incident kien wiehed li seta' jigi evitat li kieku il-partijiet it-tnejn aggixxew bil-buon sens u ma kellhomx it-tnejn reazzjoni piuttost vjolenti u esagerata ghal dak kollu li sehh. Il-Qorti ghalhekk tqies illi piena karcerarja effettiva fil-konfront ta'l-imputat fic-cirkostanzi ma hijiex wahda idonja u tittama illi l-partijiet ikomplu jezercitaw id-delizzju taghhom bil-qalbu u bi prudenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(iii), 227(c) , 230(b), 232(a), 235, 225, 226(1)(c), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba provokazzjoni, issibu hati tat-tieni akkuza madanakollu ghar-rigward biss ta' feriti ta' natura hafifa u issibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati b'garanzija ta' hames mitt ewro ghal zmien sena mil-lum sabiex izzomm il-paci ma' Martin Costa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------